MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-28 ta' Novembru, 2013

Appell Kriminali Numru. 455/2011

**Appell Nru: 455/2011
Il-Pulizija
[Spettur Anthony Portelli]
Vs
Joseph Gatt**

Illum 28 ta' Novembru, 2013
Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-appellat Joseph Gatt, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :
Fil-Marsa, fil-lejl ta' bejn is-7 u t-8 ta' Ottubru, 2004, ikkommetta serq ta' kwantita' ta' kaxxi bil-laham li jiswew madwar Lm20,000.00 kif ukoll serq ta' somma flus ta' aktar minn Lm600.00 fi flus kontanti mill-fabbrika 'The Food House Marketing Ltd', sitwata A25, Triq Guzeppe Garibaldi, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-hin, u bil-valur li jeccedi Lm1,000.00 u li sar ghad-detriment tas-sidien ta' l-imsemmija fabbrika;

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, ikkommetta serq ta’ zewg vetturi, u li ghandhom in-numru tar-registrazzjoni DBL362 u GBC362 u li huma stmati aktar minn Lm1,000.00-il wahda, u liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bil-valur, bil-hin, u bix-xorta tal-haga misruqa, u li sar ghad-detriment tas-sidien ta’ ‘The Food House Marketing Ltd.’, u tas-sidien tal-kumpanija ‘FX Garage Co Ltd.’ rispettivament’

U aktar talli fl-istess data, lok, hin, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara, jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tiskorri l-Lm50.00 izda anqas minn Lm500.00, u li saret ghad-detriment tas-sidien ta’ ‘The Food House Marketing Ltd.’, u tas-sidien tal-kumpanija ‘FX Garage Co Ltd.’;

U finalment talli nhar il-11 ta’ Ottubru, 2004, u fil-jiem ta’ qabel din id-data, xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b’qerq, jew akkwistati b’reat, u cioe’ laqa’ ghandu ‘l fuq minn erba’ mitt kaxxa tal-laham tal-friza rapurtati misruqa mill-fabbrika ‘The Food House Marketing Ltd.’, sitwata fi Triq Garibaldi, Marsa, u dan sewjekk sar f’Malta jew barra minn Malta, jew xjentementb’kull mod li jkun indahal biex ibieghhom jew imexxiehom.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Ottubru, 2011 fejn il-Qorti illiberat lil appellat mill l-akkuzi kollha.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali pprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar id-9 ta’ Novembru, 2011 li bih talab lil din il-Qorti, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li ma’ sarx apprezzament xieraq tal-provi, u tiddeciedei il-mertu tal-kawza ai termini tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u ssib lill-appellat hati tal-akkuza migjuba kontrih.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat, esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat l-aggravji tal-appellant Avukat Generali li huma is-segwenti :

Illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fil-fatt principali li minkejja li l-Onorabbli Qorti kienet konvinta bla dubju dettat mir-raguni u ikkonfermat dan is-stat ta' fatt fis-sentenza taghha stess illiberat lill-imputat erronjament.
Illi l-kaz gie ppruvat u certament il-fatt li zewg trakkijiet ta' laham b'valur ta' aktar minn E45,000 gew misjuba jumejn wara ghand l-appellat imputat minghajr ebda spjegazzjoni legittima ta' xejn jew prova li gew akkwistati b'mod legittimu jippruvaw b'mod skjaccanti l-prova tar-recent possession.
Illi bl-akbar rispett saret sitwazzjoni assurda meta nghidu li ghandna stat ta' fatt fejn il-Qorti qed tiddikjara u tirritjeni li hi konvinta mill-htija imma fl-istess nifs tghid li ha tillibera imputat fuq teknikalita. Illi l-legislatur u l-Parlament qatt ma kellhom l-ebda skop jew interess li kwalunkwe ligi sservi bhala detriment sabiex ssir gustizzja. Illi izda f'din id-dikjarazzjoni ta' l-ewwel Qorti huwa car li minflok il-gustizzja hija supreme, kif ghandu jkun, saret skjav ghat-teknikalitajiet assurdi li mmorru bhal dubju ta' xejn kontra d-drittijiet fundamentali tal-vittmi li f'dan il-kaz li soffrew Danni ta' aktar minn E45,000 serq.
Illi ammissjoni hija ammissjoni, iktar u iktar tentut kont tal-fatt li hawnhekk ghandna stqarrija legalment valida li ttiehdet minghajr ebda theddid, weghdiet promessi jew vantaggi. Illi din l-ammissjoni hija korroborata mill-fatti u esebiti f'dan il-kaz u minn nuqqas ta' gustifikazzjoni legittima minn l-istess appellat imputata ta' kif akwista l-laham in kwistjoni. Di piu` din l-ammissjoni saret diversi drabi lill-xhieda.
Illi l-ligi ssostni li prova wahda hija bizzejjed sabiex tinstab htija u l-ewwel Qorit per konsegwenza ma kienitx marbuta lit kun konvinta minn kull prova.
Illi l-appellat imputat ammetta diversi drabi u dan huwa korroborat mix-xhieda ta' l-Ispettur Portelli u l-Ispettur Caruana.
Illi jn vista ta' dawn il-punti kif hawn dedotti u pprezentati mill-prosekuzzjoni u li ghad irid issiru fit-trattazzjoni ta' dan l-appell, bid-dovut rispett l-esponent ihoss illi l-Ewwel Onorabbli Qorti kellha provi bizzejjed a bazi ta' liema ssib lill-appellant hati ta' l-akkuzi migjuba kontrih peress illi ma' kienx jississisti n-nuqqas tal-principju fondamentali tad-dubbju ragjonevoli.

Irrizulta mill-provi illi ghall- habta ta’ Ottubru 2004 sar sgass u serq mill-font The Food House Factory, propjeta ta’ The Food House Marketing Limited illi qieghda fil-Marsa. Insterqu l-ammontta’ 4608.7 kilos ta’ fillets u nuggets. Fil-11 ta’ Ottubru, 2004 il-pulizija ghamlet tfitxija fil-font Mandorin Chinese Food l-Imriehel propjeta ta’ l-appellat Joseph Gatt, hemmhekk sabu 400 kaxxa laham fil-friza ta’ dan il-font illi gie elevat u sussegwentement mgharraf minn Jean Paul Busuttil Direttur tal-kumpanija The Food House Marketing Limited illi kien parti mis-serqa illi kienet twettqet mill-fabrika tieghu. L-appellat gie arrestat u nterrogat u fis-17 ta’ Ottubru, 2004 irrilaxxja stqarrija (fol 28), fejn dan innega illi huwa kien involut fis-serqa nkwistjoni pero’ ammetta illi kien jaf illi dak il-laham mizmum fil-friza tal-hanut tieghu kien misruq. Fil-fatt fl-istess stqarrija l-appellat jghid illi min gablu l-laham *“Dana kien qalli li ovjament il-laham ma jkunx fis-sewwa . . . .”,* izda spjega illi huwa accetta ili jzomm dan il-laham skont hu ghal jumejn biss peress illi kellu problemi finanzjarji mal-Bank u kien talab LM1,000 ghal din il-hazna. Il-laham ingieb ghandu s-Sibt wara nofsinhar u ghen sabiex dan jitnizzel minn got-trakk u jigi stivat fil-friza tal-hanut tieghu. L-appellat kkopera mall-pulizija fil-mument illi huma tfaccaw fil-hanut tieghu meta staqsihom x’kienu qeghdin ifitxu u meta qalulu laham misruq l-appellat mall-ewwel indirizzahom fil-firza fejn kien stivat. B’Sentenza moghtija fil-25 ta’ Ottubru, 2011 (fol 293), il-Qorti tal-Magistrati illiberat lill-appellat mill-akkuzi migjuba kontra tieghu peress illi dehrilha illi darba giet imwarba l-istqarrija peress illi ma ttehditx bil-konsulenza legali ma kienx hemm prova tax-xjenza tal-provenjenza llecita tal-laham. Dana non ho stante li *“Il-Qorti hija konvinta mill-htija ta’ l-imputat qua ricetta tu”.* L-Avukat Generali hassu agravat minn din is-Sentenza u minnha nterpona appell principalment il ghaliex dehrlu li kien hemm provi bizzejjed sabiex torbot lill-appellat mar-reat ta’ ricettazzjoni jekk mhxu dak ta’ serq u l-Ewwel Qorti ghamlet hazin meta skartat ghal kollox l-istqarrija.
Ikkunsidrat.

Meta l-Qorti tat is-Sentenza taghha fil-25 ta’ Ottubru, 2011 kien ghad hemm in vigore t-taghlim moghti mill-Qorti ta’ l-

Appell Kostituzzjonali fil-kazijiet ta' Lombardo u Privitera u ohrajn illi kienu ennuncjaw it-taghlim illi persuna arrestata jkollha d-drittijit fundamentali taghha ghal smieh xieraq mhedded meta tkun arrestata ma tkunx giet moghtija d-dritt illi tikkonsulta ma avukat u peress illi f'dan il-kaz l-appellat ma giex moghti dan id-dritt, il-ghaliex ma kienx jezisti dak iz-zmien, l-Ewwel Qorti deherilha illi ma kelliex tiehu konjezzjoni ta' l-ammissjoni ta' l-appellat fl-istqarrija.

Din il-Qorti pero' mhix se tidhol fi kwistjonijit ohra bhal messiex l-Ewwel Qorti kkunsidrat ukoll il-fatt illi l-laham nstab fil-pussess volut ta' l-appellat u li dan ma tax spjegazzjoni tal-provinjenza tieghu. Pero' fil-frattemp fil-mori ta' dan l-appell inghataw zewg Sentenzi mportanti illi kkristallizzaw il-kwistjoni ta' konsulenza legali waqt arrest ta' persuna. L-ewwel Sentenza kienet dik moghtija fit-8 ta' Ottubru, 2012 "Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali" li ndirizzat propju kwistjoni bhal din fejn persuna, minkejja konvinciment ta' Qorti dwar il-htija tieghu, kellu jigi liberat minhabba teknikalita. Il-kawza fuq imsemmija qalet *"Din il-Qorti ttenni illi l-jedd li jaghti lill-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak ghal smieh xieraq: ma hemm l-ebda jedd li kull min hu akkuzat b'reat kriminali jigi liberat minn dik l-akkuza, jew li l-akkuzat jinghata l-mezzi biex, hati jew mhux, jinheles mill-akkuza, jew li, minhabba xi rregolarita, tkun xi tkun, minn fuq il-fatti ghandu jinstab hati ghandu jithalla jahrab mill-konsegwenzi ta' ghemilu. Il-jedd ghal smieh xieraq jinghata kemm biex, wara process fi zmien ragonevolu u bil-garanziji xierqa, min ma huwiex hati ma jehilx bil-htija, u biex jinghata l-mezzi kollha mehtiega ghalhekk, u kemm biex min huwa sew hati ma jahrabx il-konsegwenzi tal-htija tieghu. Il-jedd ghal smieh xieraq ma jinghatax biex min hu tassew hati jasal biex b'xi mod jew iehor ma jwegibx tal-htija tieghu. Jekk il-jedd ghal smieh xieraq kif interpretat huwa applikat iwassal ghal hekkmela hemm xi haga hazina hafna fis-sistema tal-harsien tad-drittijiet . . . Li ghand taghmel din il-Qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal qsur tal-jedd ghal smieh xieraq u jekk inholoqx il-periklu li l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati jekk ma hemmx dak il-perikolu mela ma hemmx ksur."* Aktar il-quddiem fl-

istess Sentenza l-Qorti qalet illi, *“L-Imhallef Togat sejjer iwissi lill-Gurati bil-perikolu illi joqghodu biss fuq l-istqarrija meta jiddeciedu dwar il-htija minghar ma jqisu wkoll il-provi l-ohra u li l-Imhallef sahansitra jista jwissi lill-Gurati biex jiskartaw l-istqarrija jekk tingieb xhieda li l-istqarrija ttiehdet bi vjolenza, qerq jew theddid.”* Fil-kawza deciza mill-Prim Awla Seda Kostituzzjonali fil-31 ta’ Ottubru, 2012 John Attard vs Onorevoli Prim Ministru et il-Prim Awla kkwotat b’success dak illi qalet il-Qorti Kostituzzjonali fil-kawza precidenti u ziedet illi, *“Ebda Qorti f’ebda hin ma stabbiliet principju universali li nuqqas ta’ assistenza legali waqt l-interrogazzjni awtomatikament jirrizulta f’lezjoi ta’ dritt ghal smieh xieraq.”* Is-sitwazzjoni giet kristallizata fil-kawza Il-Pulizija vs Paul Cutajar deciza mill-Appell Inferjuri sede’ Ghawdex fit-18 ta’ Gunju, 2013 fejn il-Qorti qalet, *“Dwar dan l-ahhar ilmentli l-istqarrija kellha tkun sfilzata ‘l ghaliex l-appellant ma kienx assistit fil-bidu nett ta’ l-arrest tieghu, din il-Qorti taghmel referenza ghall-decizjonijiet moghtija ricentament (ara fost ohrajn Charles Stephen Muscat vs Avukat Generali u Gianni Attard vs Avukat Generali) fejn din il-kwistjoni giet trattata u l-Qorti rrilevat li mhux kull nuqqas ta’ assistenza legali ghandha twassal ghan-nullita ta’ l-istqarrija izda l-Qorti ghandha tara jekk l-istqarrija hijiex korroborata minn xhieda ohra u kemm l-akkuzat huwa persuna vulnerabli illi seta facilment ikun impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qieghed jigi nterrogat mill-pulizija.”*

Ikkunsidrat.

Jibda biex jinghad illi fiz-zmien ta’ l-arrest tieghu l-appellat kien persuna matura ta’ 49 sena, fejn fehem sew id-drittijiet tieghu meta kien qed jigi nterogat mill-pulizija u zgur illi ma kienx impressjonat jew influwenzat mill-fatt illi kien qed jigi nterrogat. Tant hu hekk, illi fuq domanda wahda ta’ l-investigaturi l-appellat volontarjament u minn jheddu ta d-dettalji kollha ta’ kif dak il-laham gie ghandu fil-friza tal-hanut tieghu u kif kien jaf illi dakil-laham kellu provinjenza illecita. Terga, l-istqarrija hija korroborata mill-fatt illi laham koncernat instab fil-pussess volut ta’ l-appellat fil-friza tal-hanut tieghu corroborata wkoll minn xhieda ohra minn fejn jirrizulta minghar dubju dettat mir-

raguni illi dak il-laham kien gej mis-serq u quindi kellu provinjenza illecita. Ghalhekk din il-Qorti jidhrilha illi l-istqarrija hija korroborata minn xhieda ohra, l-appellat ma kienetx persuna vulnerabli u quindi ghandha titqies bhala prova ghal kull fini u effetti tal-Ligi. Ghalhekk din il-Qorti hija moralment konvinta illi l-appellat kien fil-pussess volut ta' oggetti misruqha u li kien jaf bil-provinjenza illecita taghhom u ghalhekk zgur illi kellu jwiegeb ghar-reat ta' ricettazzjoni, pero' l-akkuzat huwa akkuzat bis-serq u hsara volontarja u ricettazzjoni.

Ikkunsidrat.

Minkejja li ma jkunx hemm imputazzjoni ta' ricettazzjoni ma jfissirx illi persuna ma tkunx tista tigi misjuba hatja ta' dak ir-reat jekk ikun akkuzat b'serq sew semplici jew aggravat, fil-fatt jista jinstab hati alternattivament ghal reat ta' misapproprjazzjoni skont kif provdut fl-Artiklu 476 (2) tal-Kap 9 li jghid: *"Reciprokament persuna fuq akkuza ta' misapproprjazzjoni jew tar-reat ikkontemplat fl-Artiklu 334 tista tigi dikjerata hatja ta' serq sew jekk semplici jew kwalifikat ta' l-oggett involut jekk ikun hemm provi dwar dan."* Kif qalet il-Qorti ta' l-Appell Kriminali fil-kawza "Il-Pulizija vs Jonathan Felice" fis-6 ta' Jannar, 2012, *"Ghalhekk il-konkluzjoni dwar dan l-argument hi li ghalkemm persujna ma tkunx akkuzata b'ricettazzjoni izda tkun akkuzata b'serq jew misapproprjazzjoni, hija xorta tista tinstabhatja ta' ricettazzjoni jekk ma jkunx ippruvat ir-reat tas-serq jew tal-misapproprjazzjoni."* Din il-Qorti mhijiex sejra toqghod tidhol fil-kwistjoijiet tar-"recent possession" kif imqajma mill-partijiet peress issa dan huwa biss akkademiku la l-Qorti tinsab moralment konvinta dwar il-htija ta' l-appellat ghar-reat ta' ricettazzjoni. Fil-fatt, kemm l-Avukat Generali kif ukoll id-difiza jidhru li qeghdin jimmiraw ghal dan ir-reat, ghad illi d-difiza qieghda tigbed l-attenzjoni tal-Qorti illi r-refurtiva inghatat lura lis-sidien qabel ma bdew il-proceduri u quindi l-appellat kellu jgawdi minn nuqqas ta' grad jew tnejn u tikkonsidra wkoll il-kooperazzjoni mmedjata tieghu. Mill-bqija l-Qorti jidhrilha illi l-appell ta' l-Avukat Generali jisthoq li jkun milhuq.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi illi tilqa l-appell, thassar u tirrevoka s-Sentenza appellata, tiddikjara lill-appellat mhux hati ta’ l-ewwel tliet akkuzi li jikkoncernaw serq u hsara volontarja izda ssibu hati tar-raba’ akkuza dik ta’ ricettazzjoni u wara li rat l-Artikoli 334 (a), 267, 279 (b) tal-Kodici Kriminali tikkundannah ghal piena ta’ prigunerija effettiva ta’ tmintax il-xahar.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------